Kunsill Lokali Ħal Lija

# Rapport Amministrattiv

# Għas-Sena 2020

Ikkumpilat mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Pamela Borg

Werrej


**Introduzzjoni** 1

**Il-Kunsill** 2

**Il-Ħidma tal-Kunsill** 4

**Il-Finanzi tal-Kunsill: l-Iskeda tad-Dħul u l-Infiq** 13

**Ritratti tal-ħidma tal-kunsill**

**Rapporti ta' Ħidma tal-Kunsilliera**

# INTRODUZZJONI

Dan ir-Rapport Amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-01 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija tul is-sena 2020. Fis-sena 2020, kompliet għaddeja l-ħidma kontinwa taħt it-tmien leġiżlatura, li lha topera mill-1 ta' Lulju 2019. Is-Sena 2020, ma kienetx waħda faċli minħabba ċertu sfidi li ġabet magħha l-pandemija ta' COVID19, li tista tgħid affetwat lid-dinja kollha. Pero minkejja din il-pandemija, d-dmiritjiet li għandu l-kunsill xorta baqgħu jitwetqu bl-aħjar mod professjonali possibbli, bla interruzzjonijiet, għal ġid tal-lokal.

## 2.1 Il-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, huwa magħmul minn ħames Kunsilliera.

Il-Kunsill kien jikkonsisti minn:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Anthony Dalli** | **Sindku** |
| **Is-Sur Daniel Mallia** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Calcedonio Cini** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinjorina Lorraine Farrugia** | ***Minority Leader*** |
| **Is-Sur Joseph Zahra** | **Kunsillier** |

Ir-Responsabbiltajiet tal-kunsillieri preżenti waqt it-tmien leġiżatura fis-sena 2020 kienu kif ġej:

**Sindku Anthony Dalli**
L-Ambjent, Proġetti Kapitali/Unjoni Ewropea, Immaniġjar tat-Traffiku u Ordni Pubblika, l-Għaqdiet fil-Komunita', l-Anzjani, l-Innovazzjoni u l-Amministrazzjoni.

Is-Sindku huwa membru wkoll fil-Kumitat tar-Reġjun Ċentru.

**Viċi Sindku Daniel Mallia**
Żgħażagħ u Tfal, Sports u Attivitajiet fiżiċi.

Il-Viċi Sindku huwa wkoll is-sostitutt tas-Sindku f'eventwalita li ma jkunx jista jattendi huwa għall-kumitat tar-Reġjun Ċentru.

**Kunsillier Calcedonio Cini**
Indafa, Infrastruttura u l-Qasam Soċjali.

***Minority Leader Lorraine* Farrugia**
L-Edukazzjoni u l-Kultura.

**Kunsillier Joseph Zahra**
Integrazzjoni Soċjali, Turiżmu Lokali u Ħarsien tal-annimali.

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020 inżammu erbatax-il (14) laqgħa tal-Kunsill u laqgħa waħda (1) tal-lokalita, total ta' ħmistax-il (15) laqgħa. L-attendenza kienet kif ġej:

| | **Laqgħat tal-Kunsill Nru. 09 – 22 u Laqgħat tal-Lokalità Nru. 2** | **PREŻENTI** | **SKUŻAT/A** | **ASSENTI** | **%** |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Sindku Anthony Dalli | 15 | - | - | 100 |
| 2 | Viċi Sindku Daniel Mallia | 15 | - | - | 100 |
| 3 | Kunsillier Calcedonio Cini | 14 | 1 | - | 93 |
| 4 | Kunsillier Lorraine Farrugia | 15 | - | - | 100 |
| 5 | Kunsillier Joseph Zahra | 15 | - | - | 90 |

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att dwar il-Gvern Lokali, minn l-01 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2020 tmexxiet mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjorina Pamela Borg

bl-assistenza ta' tlett impjegati oħra. Fil-preżent, l-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Is-Sinjorina Pamela Borg** | **Segretarju Eżekuttiv** |
| **Is-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin** | **Assistent Prinċipal** |
| **Is-Sinjura Audrey Pace** | **Uffiċjal Eżekuttiv** |
| **Is-Sinjura Diane Abela Penza** | **Skrivan (ingħaqdet mal-Kunsill fi Ġunju 2020)** |

Matul is-sena 2020, il-Kunsill kellu wkoll dawn il-ħaddiema ssekondati li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità:

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Raymond Mallia** | **RSSL** |
| **Is-Sur George Sammut** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |
| **Is-Sur Bjorn Borg** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |
| **Is-Sur Andre Spiteri** | **Community Work Scheme Enterprise Foundation (CWSEF)** |
| **Is-Sur Frankie Buttiġieġ** | **Engineering Resources Ltd** |
| **Is-Sur Marco Grech** | **Engineering Resources Ltd** |

Matul is-sena, il-Kunsill ikollu wkoll bżonn ta' servizzi professjoni biex jigwidawh fl-operat u fl-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tiegħu. Is-Servizzi mgħottija huma kif iddettaljat hawn taħt:

**Servizz Legali** mgħoti mingħand GTG Advocates (minn Jannar sa Settembru 2020) u l-avukat Dr. Martin Fenech (minn Ottubru sa Diċembru 2020) ;
**Servizz ta' Perit** mogħti mingħand il-Perit Anthony Bezzina;
**Servizzi ta'** ***Accountant u Accounting technican*** mgħotija mingħand *Akkonta Services Ltd* u D*galea Consult Ltd;*
**Servizz ta' konsulentazzjoni dwar Permessi tal-Ippjanar** mgħoti minn *ADI Assocoiates Environmental Consultants Ltd*;
**Servizz ta'** ***Data Protection Officer*** mgħoti minn *Iuris Malta*;
**Servizz ta'** ***Contracts Manager*** mgħoti minn *BOOM Consultancy & Advisory services*

In-nies kollha msemmija hawn fuq huma l-qafas u l-operaturi tal-Kunsill Lokali. Huwa grazzi għalihom li l-Kunsill jibqa' jagħmel passi 'l quddiem fi ħidmietu. Bħala Segretarju Eżekuttiv tal-kunsill inħossni kburija naħdem ma' dawn in-nies u b'dan il-grupp ta' nies għandi sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.

## 3.1 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Bħas-snin ta' qabel, din is-sena l-Kunsill kompla joffri diversi servizzi lir-residenti kollha tar-raħal.

**Ġbir ta' skart organiku**
Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija ilu joffri s-servizz tal-ġbir ta'l-iskart organiku mill-31 ta' Ottubru 2018. Dan l-istess servizz ingħata fis-sena 2020 u għadu għaddej sal-ġurnata tal-lum. L-iskart organiku jinġabar bieb bieb kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa. Dan is-servizz qatt ma ġie sospiż minkejja il-pandemija ta' Covid 19.

**Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda)**
Is-Servizz ta' ġbir ta' l-iskart imħallat (borża sewda) jingħata kull nhar ta' Tnejn, Ħamis u Sibt. Dan is-servizz qatt ma ġie sospiż minkejja il-pandemija ta' Covid 19.

**Ġbir ta' skart separat**
Din is-sena tkompla wkoll is-servizz ta' ġbir ta' skart separat mill-kumpanija GreenPak. Dan qed jinġabar bieb bieb nhar ta' Tlieta. Dan is-servizz qatt ma ġie sospiż minkejja il-pandemija ta' Covid 19.

**Ġbir ta' ħġieġ**
Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, jinġabar ukoll il-ħġieġ bieb bieb mill-kumpanija GreenPak. Tul is-sena kollha l-kunsill għamel monitraġġ fuq dan is-servizz b'reqqa għaliex mhux il-ħġieġ kollu kien qed jiġi miġbur mir-raħal. Dan is-servizz mhux dejjem ingħata kif suppost u l-kunsill iġġieled biex din l-inkonvenjenza titnaqqas lir-residenti.

**Ġbir ta' skart goff u WEEE**
Is-Servizz tal-ġbir tal-iskart goff qed jingħata darba fil-ġimgħa. Ir-resident għandu jikkuntatja l-Kunsill biex jagħmel appuntament għal dan is-servizz. Dan is-servizz jiġi offrut mill-Kunsill mingħajr ħlas. L-iskart goff baqa jinġabar mill-kunsill darba fil-ġimgħa minkejja li Wasteserv temporanjament għalqet xi ċentri tal-iskart goff minħabba COVID 19. Il-Kunsill dejjem ħa ħsieb jara li l-kollettur għandu permessi validi biex ikollu aċċess għal aktar minn ċentru wieħed biex residenti jkunu dejjem mgħoqdija. Il-Kunsill anke żamm il-WEEE trolley fil-binja tal-kunsill fejn residenti jistgħu jiddisponu minn affarijiet eletroniċi żgħar, anke fi mumenti diffiċċli ta' COVID 19.

**Ħruġ ta' Permessi, Ħlasijiet oħra u lmenti**
Għal-sena oħra l-amministrattiv tal-kunsill dejjem għamel mill-aħjar biex jaqdi r-residenti fejn jidħlu applikazzjonijiet ta' permessi għal diversi ngenji u għeluq ta' toroq. Waqt il-ħin tal-ftuħ tal-binja amministrattiva tal-kunsill dejjem ingħata ukoll servizz effiċjenti ta' ħlasijiet oħra fosthom taċ-ċitazzjonijiet u l-kera. Ma' dawn ma tonqosx ukoll l-attenzjoni li tiġi mgħottija għal diversi lmenti u talbiet li jressqu tul is-sena r-residenti. Minħabba l-pandemija ta' Covid 19, il-kunsill ħa ħsieb jintroduċi wkoll is-sistema ta' ħlas onlajn għal-permessi.

**Tindif tat-Toroq**
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-lokalita'tinżamm fi stat nadif. Il-Kunsill għandu kuntratt tal-knis b'kundizzjonijiet tajbin ħafna fejn, kull triq fil-lokal qed tinkines darba jew darbtejn fil-ġimgħa skond il-bżonn neċessarju. Apparti minn hekk ħaxix ħażin li jikber mal-bankini, qed jinqata' kemm jista' jkun aktar ta' spiss. Biex ikun hemm aktar prekawzzjoni kontra l-pandemija ta' COVID19, il-kunsill anke ħa ħsieb li jiffumiga t-toroq tar-raħal b'mod frekwenti bl-għajnuna ta' Cleansing Malta.

**Tisbieħ u Manutenzjoni tal-Ġonna u *playing fields***
Għal darb'oħra l-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-ġonna u l-*playing fields* fil-lokalita' jinżammu fi stat tajjeb. Dan billi sar żbir tal-ħaxix kif suppost u tisbieħ b'ipplantar ta' xtieli. Il-Kunsill il-ġdid qed jaħdem anke ma' diversi entitajiet fosthom ERA u l-kuntrattur biex b'mod speċjali l-ġnien rikreattiv

jinżamm fi stat tajjeb. Is-Sindku dejjem ħa ħsieb li jżomm kuntatt kontinwu mal-kuntrattur u anke li jkun preżenti meta jkun qed isir l-iżbir biex jara li x-xogħol jsir sewwa.

**Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq**

Din is-sena sar xogħol ta' rutina. Qatt m'hu biżżejjed iżda matul din is-sena sar xogħol ta' *patching* fit-toroq kollha fejn kien hemm bżonn. Kien hemm każijiet fejn numru ta' toroq sar *patching* fihom għal aktar minn darba. Bl-għajnuna ta' Infrastructure Malta sar anke wiċċ ġdid ta' Triq Sir Ugo Mifsud u kif ukoll ta' parti minn Triq Annibale Preca. Apparti dan il-Kunsill talab anke lil Infrastructure Malta biex isir wiċċ ġdid għal Triq il-Kbira, Triq Ramiro Barbaro u l-isqaq li hemm fi Triq Sant Andrija. Bil-ħila tiegħu l-kunsill għamel wiċċ ġdid f'parti minn Triq il-Mitħna u anke ffinalizza l-proġett ta' *re-surfacing* fejn ingħata wiċċ ġdid bil-*concrete imprint*, f'parti minn Triq Preziosi Sqaq nru 2.

Sar ukoll manutenzjoni tal-bankini fejn kien meħtieġ. Il-Kunsil anke tħaddet mal-Ministru tal-Infrastruttura biex jiġi rranġat il-kumplament tal-pavimentar fi Vjal it-Trasfigurazzjoni u Infrastructure Malta wegħdet lil kunsill li hija ser tagħti l-għajnuna tagħha biex isir dan ix-xogħol. Dan ix-xogħol għandu jitwettaq fis-snin li ġejjien.

**Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku**

Permezz tal-ħaddiema assenjati kif ukoll il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali li qiegħed b'kuntratt mal-Kunsill, sar xogħol kontinwu ta' manutenzjoni ta' tabelli u sinjali fil-lokalità. Ġew ordnati u twaħħlu numru konsiderevoli ta' tabelli tat-toroq u kif ukoll saru diversi sinjali tat-traffiku fir-raħal. Fis-sena 2020 ġew installati b'mod speċjali t-tabelli ta' '*No entry for heavy vehicles*' fl-entraturi kollha tar-raħal biex b'hekk ikun hemm limitazzjoni ta' ċertu trakkijiet li jidħlu ġewwa Ħal Lija, ħlief jekk mhux dawk li jkunu qed jagħtu xi servizz. Il-Kunsill ħadem ukoll billi mplementa diversi sinjali fl-art u weħħel tabelli ta' *20km/hr* fil-qalba tar-raħal bħala limitazzjoni biex titnaqqas il-veloċita li jgħaddu biha l-vetturi mir-raħal.

**Restawr fuq Ħitan tas-sejjieħ taħt Miżura 4.4**

Fis-sena 2020 beda x-xogħol ta' restawr fuq il-ħitan tas-sejjieħ li kien applika għalihom il-kunsill preċedenti fis-Seba Leġislatura. Sal-aħħar tas-sena 2020 tlesta ħajt minnom fi Triq il-Mitħna u bdiet anke l-ħidma fuq żewġ ħitan oħra li hemm fi Triq Ħalmann. Dan il-proġett għadhu kurrenti u jrid jitlesta sa' Marzu tas-sena 2022.

**Sejħiet ta' Offerti**

Matul is-sena l-Kunsill ħareġ erba' (4) sejħiet ta' offerti (*Tenders)*:

- *Service Tender for the Collection of* ***Bulky Refuse*** *in the Locality of Ħal Lija using Environmentally Friendly Transportation (July 2020);*
- *Provision of* ***Legal Services*** *for the Ħal Lija Local Council (Direct order - October 2020);*
- *Tender for* ***pavement works, maintenance works & major patching/resurfacing works*** *for the locality of Ħal Lija (August 2020);*
- *Tender for* ***Demolition and Reconstruction of rubble walls under measure 4.4*** *of the European Agricultural Fund for Rural Development (June 2020);*

**Skemi u Proġetti**

Matul is-sena l-Kunsill applika għal diversi fondi b'permezz ta' skemi bit-tijr li jsiru diversi proġetti għar-residenti, l-għaqdiet u għall-benefiċċju tal-lokalita. Fost l-iskemi li l-kunsill applika għalihom insibu:

- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' Proġett kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'**, kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika għal outdoor gym equipment fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv u din l-applikazzjoni għadha qed tiġi kkunsidratha mid-Direttorat ikkonċernat.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/5/2020 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern**, kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex tingħata għajnuna fit-tranġar tal-pavimentar fil-Pjazza Trasfigurazzjoni u Vjal it-Trasfigurazzjoni (Mill-Pjazza sat-Torri Belvedere). Din l-applikazzjoni għadha qed tiġi kkunsidratha.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2020 – Finanzjament għall-krejazzjoni ta' Spazji miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex**, kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika biex tinxtara għamara ġdida fit-toroq li tikkonsisti fi bankijiet u bins fi Triq Sir Ugo Mifsud fl-akwata tal-Bini tal-Gvern u kif ukoll fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. L-għan tal-kunsill huwa li jkompli jsebbaħ dawn iż-żewġ spazji miftuħa li minnhom jistgħu jgawdu r-residenti. Din l-applikazzjoni għadha qed tiġi kkunsidratha.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2020 – Espressjoni ta' Interess – 'Smart Solutions' għall-immaniġġjar tal-Iskart**, kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Il-Kunsill applika għall-installazzjoni ta' *underground electronic* ibins tar-riċiklaġġ fi żona fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Din l-applikazzjoni għadha qed tiġi kkunsidratha.
- **Miżura 4.4 Ħitan tas-sejjieħ *'Support for non-productive investments linked to achievement of agri-environment-climate objectives'*** – Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għat-tieni darba reġgħa wera nteress fi Miżura 4.4 u bl-għajnuna ta' Meusac issottometta l-applikazzjoni tiegħu għar-restawr fuq aktar ħitan tas-sejjieħ, fi Triq Antonio Azzopardi u Sqaq ta' Sejduna. Sfortunatament din l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa mill-bord tal-evalwazzjoni tal -EAFRD minħabba r-raġuni ta' '*cost effectiveness*'.
- **LC CARE Grant Scheme** – Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika u bbenifika minn fond totali ta' €8,000 biex jgħin lil *cat feeders* tar-raħal jmantnu l-qtates abbandunati f'diversi żoni. Dawn il-fondi ġew maqsuma fi €3,500 vouchers tal-ikel, €3,500 għajnuna u servizz veterenarju, u €1,000 għal *sheltering*. Filwaqt li din l-iskema ħadet ħafna ħin tal-amministrazzjoni biex tiġi organizzata u biex nżamm kuntatt mal-*cat feeders* kollha, din l-iskema tidher li kienet ta' għajnuna kbira għal *feeders* u waħda ta' suċċess. Din l-iskema għadha għaddejja.
- **Skema Finanzjarja 1/2020 – Fondi mill-allokazzjoni Tal-K.R.Ċ għas-sena 2019,** maħrugħa mir-Reġjun Ċentru. B'permezz ta' din l-iskema l-kunsill ibbenfika minn fond ta' €34,000, u b'dan il-fond wettaq proġett ta' tibdil fil-fanali eżistenti ornamentali madwar ir-raħal għall-fanali LEDs u kif ukoll bl-istess fond qed ssir manutenzjoni fil-globi li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Il-globi tal-ġnien ukoll qed jinbidlu għall-globi LEDs.
- **Skema Finanzjarja 2/2020 – Rimborz għall-ispejjeż tal-Perit għal proġett 'slow streets'**, kif maħrugħa mir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond massimu ta' €3,000 biex isiru *counts* minn diversi toroq fir-raħal bl-għajnuna ta' Profs Maria Attard, biex b'hekk ikun hemm indikazzjoni ta' kemm jidħlu u jgħaddu vetturi mir-raħal matul il-ġimgħa.
- **Skema Finanzjarja 3/2020 – Proġett *Spinning Photos***, maħrugħa mir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill ta' Ħal Lija applika għal fond totali ta' €1,000 biex sar proġett mal-kumpanija '*Spinning photos*' fejn il-knisja parrokjali, bil-kunsens tal-kappillan, ġiet magħżulha mill-Kunsill, biex tidher b'mod virtwali b'permezz ta' apparat elettroniku fuq is-sit http://regjuncentru360.com/.
- **Skema Finanzjarja 4/2020 – Proġett Wikipedia**. Għall-darboħra l-Kunsill ingħaqad mar-Reġjun Ċentru fejn sar proġett żgħir b'permezz tal-kumpanija 'Content Curate' sabiex l-informazzjoni li tinsab onlajn fuq wikipedia tiġi aġġornata u tkun waħda koretta. Dan il-proġett ammonta biss għas-somma ta' €384.62.

- **Skema Finanzjarja 5/2020 - Skema Finanzjarja għal xiri jew kiri ta' Tiżjien tal-Milied 2020,** maħruġha mir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond ta' €3,000 biex inkera tiżjien fil-pjazza li kkonsista minn siġra tal-Milied u armar ta' *fairy lights* fis-siġar, xiri ta' statwi ta' San Ġużepp, il-Madonna u bambin biex itella presepju żgħir fuq iz-zuntier u kif ukoll nkera *hi-up* biex ġie armat dan it-tiżjien kollu li tant intoġob min-nies.
- **Skema Finanzjarja 6/2020 – Għall-avvenimenti li huma Soċjo Kulturali,** kif maħruġa mir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika biex il-fond totali ta' €10,000 jiġi utilizzat għal avvenimenti soċjo kulturali li jkollu l-kunsill bħal Festival taċ-Ċitru u Jum Ħal Lija. Dawn il-fondi alissa għadhom ma ġewx utilizzati minħabba l-pandemija ta' Covid-19 u diment li d-data sa' meta għandhom jiġu utilizzati dawn il-fondi ma tiġix estiża, l-kunsill għandu ċans jagħmel użu minn dawn il-fondi sa' Awwissu ta' 2021.
- **Skema Finanzjarja 7/2020 – Skema Finanzjarja *COVID19.*** Bl-għajnuna ta' Reġjun Ċentru, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija bbenifika minn fond massimu ta' €5,000 u b'permezz ta' dan il-fond akkwista 700 *Covid packs*, fejn umbagħad tqassam pack f'kull residenza. Dawn il-*covid packs* kienu jikkonsistu fi pakkett ta' 10 maskri, sanitizer żgħir, *antibacterial surface wipes* u *antibacterial hand wipes*. Bi pjaċir ngħid li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija kien l-ewwel kunsill fost il-kunsilli l-oħra li jaqaw fi ħdan ir-Reġjun Ċentru, li applika għal din l-iskema, u nfatti tant kellu *feedback* tajjeb dwarha mir-residenti.
- **Skema Finanzjarja 8/2020 – Għajnuna għall-Għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-kunsill Reġjonali Ċentru,** kif maħruġha mir-Reġjun Ċentru. Għat-tieni darba konsekuttiva, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għal fond ta' €2,000 bit-tijr li jgħin lit-tlett għaqdiet l-oħra li kienu applikaw fl-ewwel sejħa li huma ; is-Soċjeta' San Pio X, l-għaqda tan-nar San Mikiel u l-Mużew tal-bniet, b'xiri ta' apparat, għamara jew spejjeż li huma kellhom il-bżonn iwettqu fil-binja rispettiva tagħhom.
- **Skema Finanzjarja 9/2020 – Għajnuna waqt COVID19 (Maskri).** Bl-għajuna ta' Reġjun Ċentru, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija bbenifika minn fond massimu ta' €5,000 fejn ingħatat rifużjoni għal xiri ta' kaxxi *surgical masks*, fejn tqasmet kaxxa maskri f'kull residenza. Din l-inizjattiva wkoll intlaqgħtet ferm tajjeb mar-residenti kollha.
- **Skema Finanzjarja 10/2020 – Għall-Proġett fil-komunita**, kif maħruġa mir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija applika għall-benefikazzjoni ta' €3,000 biex isiru proġetti ġenerali fir-raħal. Il-ħsieb tal-kunsill huwa li jutilizza dan il-fond biex tiġi mplementatha *zebra crossing* fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.
- **Skema Finanzjarja 11/2020 – Proġett Spinning Photos (2),** kif maħruġa għat-tieni darba mir-Reġjun Ċentru. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija reġgħa applika għal fond massimu ta' €2,000 biex ikun fiċ-ċans li knisja, kappella jew post storiku ieħor fir-raħal jiġu jidru b'mod virtwali permezz ta' apparat elettroniku fuq is-sit http://regjuncentru360.com/.
- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/7/2019 – Finanzjament ta' Proġett kapitali – Apparat għal sistema ta' Irrigazzjoni**, kif ippublikatha mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*. Fis-sena 2019 il-kunsill kien applika għal din l-iskema biex tiġi mplementatha sistema ta' irrigazzjoni fil-ġnien Ċentru Rikreattiv. Fis-sena 2020 dan il-proġett ġie ffinalizzat fejn din is-sistema ġiet installatha bl-għajnuna ta' żewġ ħaddiema li fl-istess sena ġew assenjati lil kunsill, Frankie Buttiġieġ u Marco Grech. Peress li l-kunsill ma utilizzax il-fondi kollha mgħottija mid-direttorat, bi pjaċir ngħid li dawn il-fondi alissa xorta ser jibqgħu f'idejn il-kunsill sa ċertu żmien bil-possibilita li tiġi nsallatha sistema ta' irrigazzjoni simili fil-Ġnien Tal-Mirakli wkoll.
- **Proġett ta' Restawr fuq it-Torri Belvedere** - F'din is-sena s-Sindku kien f'kuntatt kontinwu mal-MTA biex bl-għajnuna tagħhom jiġi rrestawrat it-Torri Belvedere fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. Filfatt dan ir-restawr ġie kkonfermat biex jibda fis-sena 2021.

### Enroachment tal-5a-side pitch fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv

Tul is-sena 2020, l-kunsill tħadded mal-Awtorita tal-Artijiet biex jingħata *enroachment* lil kunsill fuq il-*pitch tal-5-a-side* li hemm fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv ma' ġenb il-*playing field*. Dan il-5-a-side qiegħed fi stat diżastru u wara talba mressqa mill-President tan-*Nursery*, il-kunsill stinka biex

jirranġa dan il-ġnien ħalli tfal li jmorru n-*nursery* ikollhom fejn jilgħabu l-futbol peress li l-grawnd eżistenti li kienu jagħmlu użu minnu fl-iskola, mhux ser ikunu jistgħu jużawh aktar u dan għaliex l-iskola applikat għal xi permessi biex ikun hemm żvilupp ta' *hall* minnflokk dan il-grawnd. Għalhekk il-kunsill irnexxilu jakwista *enroachment* mingħand l-awtorita tal-Ippjanar ħalli jkun jista jirranġa dan il-*pitch* bl-għajnuna ta' Foundation for Tomorrow's schools. Taħdidiet bejn il-kunsill u din il-fondazzjoni għadhom għaddejien.

**Laqgħat**

Matul din is-sena saru ħafna laqgħat u *meetings on site* ta' spiss ma' diversi entitajiet fejn waqt dawn il-laqgħat/*meetings* kemm jista jkun dejjem kien hemm preżenti s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Fost l-entitajiet ma min saru dawn il-laqgħat wieħed jista jsemmi lil kuntratturi li jagħtu servizz lil kunsill, Transport Malta, Infrastrucute Malta, Heritage Malta, Ambjent Malta, il-*Works Department,* is-Sanita, il-pulizija, LESA, l-AKL, Reġjun Ċentru, MEUSAC, EUPA, ERA, l-Awtorita tal-Ippjanar u aktar dipartimenti tal-gvern etc. L-iskop ta' wara dawn il-laqgħat/*meetings* dejjem kien biex il-kunsill iżomm rapport ta' ħidma tajjeb ma' kull entita jew dipartiment biex possibilment jikseb kull tip ta' għajnuna u sapport għall-benefiċċju tal-lokal kollu.

**Ħarġiet**

Matul din is-sena, il-kunsill kien restritt fl-organizzazzjoni ta' diversi ħarġiet u minnħabba r-restrizzjoniet tal-pandemija COVID19 ħarġiet ma sarux. Il-ħarġiet organizzati li kienu ; Gozo by Night u l-weekend break fi Paradise Bay Resort, b'diżappunt kbir kellhom jitħasru għal benessere ta' kulħadd.

**Applikazzjonijiet *Heritage Passport* għall-anzjani**

Fis-sena 2020 il-kunsill baqa joffri s-servizz lil anzjani fejn jgħinhom japplikaw għall-*Heritage passport* biex ikunu faċilment jistgħu jżuru diversi mużewijiet u postijiet storiċi b'xejn.

**Publikazzjoni tal-Fuljett**

Fis-sena 2020, il-kunsill reġgħa ntroduċa l-pubblikazzjoni tal-fuljett ' Leħen il-Kunsill'. Tul is-sena 2020 dan il-fuljett ġie ppublikat darbtejn. L-ewwel edizzjoni nħarġet fi Lulju 2020 filwaqt li t-tieni edizzjoni fi Diċembru 2020. Dan il-fuljett tqassam bieb bieb mis-sindku u l-Kunsilliera madwar ir-raħal kollu fejn kien hemm feedback tajjeb mir-residenti dwaru. Fil-futur il-kunsill ser ikompli joħroġ aktar edizzjonijiet ta' dan il-fuljett.

**Servizz ta' Trasport għall-użu tal-anzjani**

Tul is-sena 2020 u fuq suġġeriment tas-Sindku, l-Kunsill kemm il-darba tħadded dwar il-possibilita li jibda jingħata servizz ta' trasport għall-użiu tal-anzjani biss biex ikollhom mezz komdu ta' kif jistgħu jivjaġġaw lejn il-Berġa jew MaterDei skond il-bżonn tagħhom. Diskussjonijiet dwar dan is-servizz għadhom għaddejien ma' diversi entitajiet, bit-tama li dan is-servizz xi darba jingħata.

**Vaċċin tal-Influwenza**

Bħas-snin ta' qabel, l-Kunsill għin biex jiġi provdut s-servizz tal-vaċċin tal-influwenza. Minħabba l-COVID19 dan is-servizz ma ngħatax bħas-soltu mill-uffiċċju tal-Kunsill pero ngħata dirett mill-Primary Health Care. Il-Kunsill stinka biex il-primary health care tagħti dan is-servizz minn Villa Lija bl-għajnuna tal-kappillan li offra din is-sala lil kunsill, minnflokk residenti kellhom joqgħodu jmorru fil-berġa ta' Ħal Balzan jew nkella B'Kara.

Ir-residenti ta' Ħal Lija li għandhom iktar minn 55 sena għal darboħra ngħataw il-possibbilta' li jirċievu l-vaċċin kontra l-influwenza bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali. Naturalment dan is-servizz ġie mgħoti bla ħlas.

**Jum Ħal Lija u Ġieħ Ħal Lija**

Għal sena oħra ġie ċċelebrat Jum Ħal Lija b'differenza, kkumparat ma snin preċedenti. Jum Ħal Lija ġie ċċelebrat nhar l-Erbgħa 29 ta' Lulju 2020. Dakinhar fi 6 :30pm saret quddiesa ta' ringrazzjament fil-miftuħ fuq iz-zuntier, umbagħad kien hemm ċeremonja żgħira fejn l-ewwel ingħatat introduzzjoni mis-Sindku u wara kien hemm l-għotja ta'Ġieħ Ħal Lija, momentos u ċertifikati ta' rikonoxximent. Ġieħ Ħal Lija ngħata bix-xieraq lil Dr. Mallia Azzopardi tal-ħidma kontinwa tiegħu fit-tmexxija tal-Isptar Mater Dei kontra il-pandemija ta' COVID19, lil Saviour Caruana, lil Sunny Scerri, lil Saviour Gatt, lil Salvu Borg u lil Louis Briffa. Is-sitta li huma ingħataw plakka bħala rikkonoxximent tal-ħidma kbira tagħhom u apparti minnhekk tal-imħabba li kontinwament juru lejn ir-raħal. Waqt dan il-jum speċjali ngħataw ukoll 5 momentos bħala tifkira lil entitajiet LESA, il-Pulizija, Cleansing Department u liż-żewġ spiżeriji li hawn fir-raħal, tax-xogħol siewi tagħhom li għamlu waqt il-pandemija u kif ukoll ingħataw diversi ċertifikati lil tobba u nurses li joqgħodu Ħal Lija bħala rikonixximent tas-servizz tagħhom ukoll waqt il-pandemija ta' COVID19. Jum Ħal Lija 2020 kien ta' suċċess.

**Festival taċ-Ċitru**

Bħal kull sena jsir il-Festival ta' Ċitru fil-lokalita' ta' Ħal Lija. Għas-sena 2020 dan il-Festival ukoll sar bi differenza u ġie organizzat nhar il-Ħadd fit- 2 ta' Frar fuq barra fi Triq Sir Ugo Mifsud bejn 10:00a.m. u 5:00p.m. Dakinhar ukoll sar it-tberrik tal-annimali fejn is-Salvatur il-Qadim fejn preżenti kien hemm ukoll il-kavallerija tal-pulizija. Waqt din l-attivita' kulturali sar bejgħ ta' frott relatat maċ-Ċitru, bejgħ ta' ikel lokali u nternazzjonali u prodotti tal-għasel. Kien hemm ukoll esibizzjonijiet tal-arti, artiġjani li wrew diversi xogħolijiet li huma jagħmlu, logħob u divertiment għat-tfal, inkluż *face painting* u anke varjeta' ta' mużika. Żewġ affarijiet ġodda li kienu organizzati għall-ewwel darba waqt dan il-festival kienu demostrazzjoni ta'tisjir minn chef professionali li sajjar tlett platti li fihom inkluda ċ-ċitru u kif ukoll demostrazzjoni minn *mixologist* li pprepara *non alcoholic cocktails* magħmulin bi ħafna ingredjenti, wieħed minnom iċ-ċitru naturalment. Kien hemm anke stalls informatiċi fuq il-post tal-ilma u kif ukoll ta' Wasteserv. Ma jonqosx ukoll il-bejgħ ta' fjuri , pjanti u ħxejjex. Din l-attivita ntogħbot ħafna minn nies u l-kunsill kellu *feedback* tajjeb immens kemm dwar il-mod ta' kif ġiet organizza l-attivita u kif ukoll fuq il-post magħżul fejn saret l-attivita.

**Tiżjin tar-raħal bid-dwal tal-Milied u attivitajiet tal-Milied**

Minħabba l-pandemija ta' *COVID19* l-attivitajiet kienu limitati u l-kunsill ħa l-prekawzzjoni fejn evita li jħejji attivatijiet tal-massa. Fil-ġranet ta' żmien il-festi tal-Milied, il-Kunsill żejjen bit-tiżjien u xegħel bid-dawl dekorattiv il-pjazza kollha. Fil-pjazza anke tpoġġiet *christmas tree* kbira tixgħel. Dan it-tiżjien u kif ukoll l-*christmas tree* saru bl-għajnuna tar-Reġjun Ċentru b'permezz ta' Skema Finanzjarja 5/2020.

**Aktar Innovazzjonijiet**

Il-Kunsill Lokali ħa ħsieb ukoll li :

- fuq bażi regolari jsiru *meetings* bejn is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff biex b'hekk l-amministrazzjoni jkollha stampa ċara tal-oġġettivi li hija tixtieq tilħaq u l-progress li hija tkun qed tagħmel ;
- fuq bażi ta' kuljum tiġi ppreparatha skeda ta' xogħlijiet jew manutenzzjoni fejn din umbagħad titqassam lil ħaddiema tal-kunsill biex tiġi mplementatha ;

- darba fix-xahar isiru *one-to-one meetings* mal-pulizija u LESA biex tingħata l-għajnuna neċessarja għal benessere tal-lokal bħal perżempju biex jitnaqqas ċertu vandaliżmu mil-ġonna ;
- Fuq bażi regolari saru anke meetings bejn il-kunsill u l-contracts manager biex ta' spiss jinżamm moniteraġġ fuq il-kuntratturi kollha li jagħtu servizz lil kunsill b'mod speċjali, is-servizz tal-ġbir tal-iskart, servizz tal-knis, tal-indafa fil-latrina u kif ukoll is-servizz tal-ġbir tal-ħaxix u manutenzzjoni fil-ġonna.

## 3.2 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

- Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera – fejn il-ħidma tagħhom tikkonsisti fi relazzjoni tajba mar-residenti u jaraw li jonoraw ir-responsabbiltajiet tagħhom fl-interess tar-raħal.
- L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv - li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, is-Sezzjoni tal-Finanzi u l-Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani. Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzattiva fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.
- Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom għal-lokalita', u minn hemm l-Amministrattur, is-Segretarju Eżekuttiv, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill. Dan għandu jsir bl-aħjar mod possibbli, dejjem skont kif jippermettu l-istess finanzi u fl-aqsar.
- L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.
- L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' Gvern Lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## 3.3 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

### L-Uffiċċju Amministrattiv

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali u b'permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri jew direttivi li jinħarġu minn żmien għal żmien. Is-Segretarju Eżekuttiv huwa responsabbli li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati nregola ma' dan l-Att u kull avviż legali, proċedura jew direttiva.

### Impjegati tal-Kunsill

Matul din is-sena kien hemm żieda b'rata qawwija fil-*workload* tal-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill, dan speċjalment waqt il-pandemija ta' COVID19 fejn il-kunsill baqa kemm jista jkun joffri s-servizzi kollha lir-residenti anke b'mod onlajn.

L-impjegati tal-Kunsill iwettqu b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jopera l-kunsill u jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull tip ta' xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Lija, ħafna drabi jieħu ħafna ħin twil, huwa xogħol tassew moħbi, mibni, ppreparat u kif ukoll komplut mill-impjegati tal-Kunsill.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta' kollha.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

## 3.4 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għas-sena 2020. Ta' min jinnota li matul is-sena sar aktar xogħol mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li jaf ma ġewx inklużi f'dan ir-rapport jew iddettaljati fit-tul.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

Biex nikkonkludi, nixtieq nieħu l-opportunita' biex nirringrazzja lis-Sindku s-Sur Anthony Dalli, tas-sapport, għajnuna u l-impenn sħiħ li huwa kuljum juri kemm lili bħala Segretarju Eżekuttiv u kif ukoll lil kumplament tal-Impjegati l-oħra u l-ħaddiema. Nirringrazzja ukoll lil Viċi Sindku Daniel Mallia u lil kumplament tal-Kunsilliera kollha li jagħmlu parti mit-Tmien Leġislatura, tad-disponibbiltà, l-impenn u l-kontribut tagħhom lejn ir-residenti u l-lokalita'. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-amministrazzjoni tar-responsabbilta', sapport u l-motivazzjoni tagħhom matul is-sena kollha u lill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill tax-xogħol li huma jiprovdu. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija għandu grupp ta' nies determinati, responsabbli u li huma kontinwament lesti biex jistinkaw u jużaw il-kapaċitajiet tagħhom biex ikun possibbli għall-aktar snin jwettqu kull tip ta' xogħol skond kif jitlob il-bżonn tal-lokal.

**IFFIRMATA**

Pamela Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

## 4.1 L-ISKEDA TAD-DĦUL U L-INFIQ

| | 2020 € | 2019 € |
|---|---|---|
| **Funds received from Central Government** | **312,601** | 298,222 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | **1,920** | 2,995 |
| **General Income** | **40,508** | 37,814 |
| | **355,029** | 339,031 |
| **Expenditure** | | |
| Personal Emoluments | **(92,405)** | (82,965) |
| Operations and Maintenance | **(129,733)** | (120,172) |
| Administration and Other Expenditure | **(142,500)** | (144,673) |
| | **(364,638)** | (347,810) |
| **Surplus / (Deficit) for the year** | **-9,609** | -8,779 |

## 4.2 L-ISKEDA TAD-DĦUL FID-DETTALL

| | 2020 | 2019 |
|---|---|---|
| | € | € |
| **Government Income** | | |
| In terms of section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | **297,161** | 293,582 |
| Other Government Income | **0** | 0 |
| Other Supplementary Government Income | **15,440** | 4,640 |
| | **312,601** | 298,222 |
| **Income raised under the Local Enforcement System** | | |
| Income from LES administration fees | **1,920** | 2,995 |
| LESA Distribution to Council | **0** | 0 |
| | **1,920** | 2,995 |
| **General Income** | | |
| Income from tender documents | **0** | 0 |
| Income from permits | **10,618** | 8,536 |
| Sundry contributions & donations | **21,335** | 29,238 |
| Income from Insurance Claim | **0** | 0 |
| Other Income | **8,555** | 40 |
| | **40,508** | 37,814 |
| **Total Revenue** | 355,029 | 339,031 |

## 4.3 L-ISKEDA TAL-INFIQ FID-DETTALL

| **Personal Emoluments** | **2020** | **2019** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Personal Emoluments include, inter alia : | | |
| Mayor's Allowance | **10,238** | 9,384 |
| Executive Secretary's Salary | **27,417** | 31,403 |
| Employees' Salaries | **34,436** | 27,727 |
| Social Security Contributions | **5,907** | 4,751 |
| Councillors' Allowance | **13,000** | 9,700 |
| | **92,405** | 82,965 |

| **Operations and Maintenance** | **2020** | **2019** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Operations and maintenance includes, inter alia: | | |
| Repairs and upkeep: | | |
| Road/street pavements | **6,938** | 2,302 |
| Signs and Road Markings | **4,680** | 4,675 |
| Other Repairs and Upkeep | **10,107** | 9,834 |
| | **21,725** | 16,811 |
| **Contractual Services:** | | |
| Refuse Collection | **60,160** | 58,908 |
| Bulky Refuse Collection | **5,747** | 3,730 |
| Road and Street Cleaning | **23,448** | 18,649 |
| Cleaning and Maintenance - Public Conveniences | **5,508** | 6,209 |
| Cleaning and Maintenance - Parks and Gardens | **7,950** | 7,032 |
| Street Lighting | **4,768** | 7,211 |
| Other | **427** | 1,622 |
| | **108,008** | 103,361 |
| | **129,733** | 120,172 |

| **Administration and Other Expenditure** | **2020** | **2019** |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| Utilities | **3,878** | 3,240 |
| Rent Payable | **8,057** | 693 |
| National and International Memberships and Subscriptions | **0** | 345 |
| Office Services | **6,060** | 3,993 |
| Motor Vehicles Insurance/ Licence including fuel | **182** | 761 |
| Publications / Advertising | **1,028** | 423 |
| Professional Services | **28,048** | 29,742 |
| Community Services & Events | **9,549** | 12,754 |
| Bank Interest and Charges | **895** | 369 |
| Lease Interest Cost | **214** | 888 |
| Provision for Losses | **6,162** | 0 |
| Depreciation | **74,705** | 88,315 |
| Insurance | **2,957** | 2,097 |
| Other Expenses | **765** | 1,053 |
| | **142,500** | 144,673 |

# RITRATTI TAL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

**Tisbieħ u Manutenzjoni tal-Ġonna u *playing fields***







## Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq



Wiċċ ġdid fi parti minn Triq A. Preca, bl-għajnuna ta' Infrastructure Malta



Wiċċ ġdid fi Triq Sir Ugo Mifsud fejn il-bini tal-Gvern, bl-għajnuna ta' Infrastructure Malta



Wiċċ ġdid fi Triq Sir Ugo Mifsud



Wiċċ ġdid fi Triq Sir Ugo Mifsud

**Wicc ġdid fi Triq il-Mitħna, bil-ħila tal-kunsill**



## Manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-traffiku ġodda











**Restawr fuq Ħitan tas-sejjieħ taħt Miżura 4.4**







**Proġett finali - Sistema ta' Irrigazzjoni fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv, b'fondi mgħottija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali - SPI/SCI/7/2019**





**Tindif ta' Toroq inkluż tindif ta' culverts**



**Tqassim ta' *Covid packs* bl-għajuna ta' Reġjun Ċentru Skema 7/2020 – Skema Finanzjarja *COVID 19* *u* Tqassim ta' *maskri* bl-għajuna ta' Reġjun Ċentru Skema 9/2020 – Għajnuna waqt *COVID 19***






**Tibdil ta' fanali fir-raħal bi bozoz LED, bl-għajnuna ta' Reġjun Ċentru b'permezz ta' Skema Finanzjarja 1/2020**





**Restawr tat-Torri Belvedere, bl-għajnuna tal-MTA**









**Festival taċ-ċitru 2020**















# RAPPORT TA' ĦIDMA TAS- SINDKU IKKUMPILAT MIS-SUR ANTHONY DALLI

## L-AMMINISTRAZZJONI

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija l-mekkaniżmu biex il-ħidma tal-kunsill tirnexxi. Wara li għaddew l-ewwel xhur ta' din il-leġiżlatura jiġifieri fl'2019, ħarisna lejn l-operat tal-Kunsill, fejn jiena flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv ipproġettajna miri li l-kunsill onora. Minkejja li kien hemm xi ftit ambizzjuzi, ilħaqna ħafna minnhom u anke eċċedejna xi ftit. Mar-Residenti dan kollu ħoloq interess u ħafna resqu viċin l-kunsill.

Ħarisna ukoll u nistgħu ngħidu li sal-aħħar tas-sena 2020 ġibna l-qagħda finanzjarja kif titlob il-liġi tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill xorta għamel ħiltu u kiseb fondi oħra speċjalment mir-Reġjun Ċentru biex baqa jagħti dawk is-servizzi neċessarji kollha u meħtieġa għal ġid tal-Lokalita.

Bqajna għajnejna fuq l-operat u nixtieq nirringrazzja lil Impjegati permanenti tal-Kunsill għal impenn tagħhom u d-dedikazzjoni li qed juru biex ntejjbu is-servizzi tagħna lejn ir-residenti.

Irrid nirringrazzja ukoll lil ħaddiema l-oħra assenjati mal-kunsill għal kontribut tagħhom speċjalment u nilqgħu magħna lil Frankie Buttiġieġ u lil Marco Grech.

## L-AMBJENT

L-Ambjent huwa l-ewwel prijorita tal-Kunsill. Il-ġonna pubbliċi ħadu spinta u t-tindif ġenerali fit-toroq tal-lokal , wara li ħriġna kuntratt ġdid u żiedna l-frekwenzi jidher li hemm titjib sostanzjali. Wara li flimkien mal-Kunsill tajna direzzjoni issa nistgħu nħallu f'idejn il Contracts Manager u l-Kuntrattur biex dawn is-servizzi ma jonqsux.

Vjal it-Trasfigurazzjoni u l-Pjazza qed jieħdu forma oħra, fejn imbarkajna fuq proċess ta żbir tas-siġar li jsebbħu l-akkwati. Hemm il-parir ukoll li hemm siġar iridu jinbidlu għax xjaħu, oħrajn jitranġaw u oħrajn jieħdu ftit kura biex ikomplu jgħixu. Wara pariri professjonali jidher li hemm bżonn xi ftit ta manutenzjoni, fil-pavimentar tan-naħa ta' fuq tat-triq u l-pjazza. Dan kollu beda jiġi attwat biex nibżgħu għal-Ambjent ta' madwarna.

Qed nistennew ukoll li tiġi mwettqa l-wedgħa ta IM li nagħmlu tibdil u kostruzzjoni ġdida tal-bankini mit-torri l-isfel b 'finanzjament il-korporazzjoni u l-Kunsill.

## PROĠETTI KAPITALI

Flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ma waqafniex niltaqgħu ma' entitajiet tal-Gvern biex intejbu l-operat u nikżbu xogħlijiet u manutenzjoni fejn il-finanzjament tal-kunsill ma jagħmilx tajjeb. Hawnhekk irrid nirringrazzja lil-MTA dwar ir-restawr u dwal ġodda tal-Belvedere li huwa preġju u parti mill-storja tar-raħal. Issa tlabna l-għajnuna ta' Heritage Malta biex isir evalwazzjoni tal-istat ta' xin il-binja storika. Hawnhekk irridu nfakkru li tajjeb li l-Kunsill jieħu b'devoluzzjoni dawn il-binjiet, iżda dawn iridu jiġu evaluwati matul iż-żmien minħabba xi ħsarat li jistgħu jsirulhom minn żmein għal żmien.

IM għalqet ukoll xogħol ta' uċuħ ġodda flimkien ma' xi servizzi fi Triq Sir Ugo Mifsud u parti minn Triq Annibale Preca lejn il-kappella ta' Tal-Mirakli. Hawnhekk irrid nirringrazzja lir-residenti tal-inħawi għal paċenzja li ħadu minħabba li waqt ix-xogħol kien hemm ħafna tkaxkir tar-riġlejn. L-Istaff tal-Kunsill għad-dedikazzjoni tiegħu għal pataflun ta' ilmenti li daħlu minħabba telqa li kien hemm waqt ix-xogħlijiet. Grazzi ukoll lil kuntratturi li daħlu fl-aħħar stadju biex tlesta l-proġett.

Issa qed nistennew ukoll li IM tibda xogħol ta' uċuħ u servizzi ġodda fuq Triq is-Salvatur, Triq il-Kbir u Triq Ramiro Barbaro kif imwegħda minn IM.

**FONDI TAL-EU U L-GVERN CENTRALI**

Qegħdin attenti biex ma nitilfux fondi li joħorġu minn żmien għal żmien. Tajjeb li ngħid li bl' allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali ma jsirux proġetti fil-lokalita. Fattur ieħor importanti huwa li l-Kunsill biex jikseb dawn il-fondi irid ikun f'qagħda finanzjarja tajba. Għalhekk huwa mporranti li kif semmejt aktar qabel il-qagħda finanzjarja trid tkun b'saħħitha.

Bħal issa l-Kunsill imbarka ukoll fuq proġett ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ minn fondi tal-Unjoni Ewropea u mill-kunsill f'Ħalmann li jammontaw għal madwar €130,000.

Il-Problema tat-traffiku li tibda minn Triq Preca u ddur mar-rahal kollu, għada hemm u għalkemm bħal issa ma tidhirx minħabba l-pandemija, għax ħafna mpjegati qed jaħdmu mid-dar jew l-iskejjel magħluqin.

Qegħdin naspiraw li nagħmlu eżerċizzju ta' counts imma żgur li mhux il-waqt għax ma toħroġx l-istampa reali tal-problema kbira li teżisti.

**ORDNI PUBBLIKU**

Dwar l-ordni pubblika nsibu l-appoġġ meħtieġ mill-Uffiċċjali tad-distrett fejn is-Suprerendent u uffiċċjali oħra jiltaqgħu miegħi u mas-Segrerarju Eżekuttiv bl-iskop li niddiskutu l-ilmenti u l-problemi.

Ma nistgħux ngħidu l-istess fejn jidħlu l-Uffiċċjali tal-Komunita (LESA). Dawn qed jintbagħtu kmieni filgħodu meta kulħadd ikun għadu d-dar speċjalment bħal issa li ħafna qed jaħdmu mid-dar u jagħmlu ħafna tickets fejn għandna problemi ta' parkeġġ speċjalment f'toroq dojoq u ma jinfdux. Imma min jikser ir-regolamenti tar-traffiku jew vetturi bla permess dawn sfortunatament ma jarhom ħadd.

**L-GĦAQDIET FIL-KOMUNITA**

Il-ħidma tiegħi bħala Sindku u bl-appoġġ tal-Kunsilliera ma tiqafx anke waqt dan iż-żmien diffiċli. Għal sena oħra kellna għad-dispożizzjoni tagħna finanzi fejn stajna ngħinu lil għaqdiet u biex armajna l-Pjazza fi żmien il-Milied, maħruġa minn Fondi tar-Reġjun Ċentru fejn jiena nirrappreżenta l-Kunsill.

**ANZJANI**

Dan huwa qasam ieħor li ntuh prijorita fejn fil-ħidma tagħna ta' kuljum. Għalkemm din is-sena kien hemm ir-restrizzjonijiet u d-direttivi biex l-anzjani ma joħorġux fi żmien il-pandemija, l-Kunsill xorta baqa jgħin minn dak li jista, bħal jagħti nformazzjoni dwar bżonnijiet, lista ta' ħwienet u spiżeriji li jagħmlu deliveries, ġbir ta' mediċini tal-POYC u bżonnijiet oħra.

**INNOVAZZJONI**

Waqt Jum Ħal Lija ta din is-sena 2020 barra li onorajna lil dawk li kienu nominate, l-Kunsill fuq mozzjoni proposta minni, ippreżentajna ċertifikat ta' apprezzament lil dawk il-frontliners kollha li b'xi mod jew ieħor ikontribwew lejn din il-pandemija. Hawn inkludejna lil dawk kollha li jaħdmu fis-saħħa pubblika u joqgħodu Ħal Lija, lill-Ispiżjara u l-Ispiżeriji li joperaw Ħal Lija, lil-Pulizija mid-Distrett li aħna nagħmlu parti, lil-Uffiċċjali tal-LESA.

Sar ukoll proċess ta' nformazzjoni diġitali dwar il-Knisja Parrokkjali fejn intwera filmat bir-ritratti 360 degrees u bi spjegazzjoni addattata. Dan setgħa jsir b'finanzjamnet tar-Reġjun ċentru.

L-Amministrazzjoni taħt is-superviżjoni tas-Segretarju Eżekuttiv ħadmu b'effiċjenza anke bit-teleworking, li huwa kunċett ġdid għal Kunsill.

**REĠJUN ĊENTRU**

Bħala rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Kunsill reġjonali nattendi kull laqgħa anke virtwalment u nieħu sehem attiv fid-diskussjonijiet li jsiru minn żmien għal żmien.

Fl-aħħar nixtieq nawgura aktar ħidma fejjieda f'dan il-qasam hekk utli biex b'hekk ikollna lokalita u ambjent aħjar minn qatt qabel.

# RAPPORT TA' ĦIDMA TAL- VIĊI SINDKU IKKUMPILAT MIS-SUR DANIEL MALLIA

Għaddiet l-ewwel sena sħiħa fejn aħna il-kunsilliera, flimkien mas-Sindku, ħdimna flimkien biex nagħmlu l-almu tagħna biex ntjebu il-kwalità tal-ħajja tar-residenti. Din is-sena, kif kulħadd jaf, ma kinitx waħda faċli minn aspett logistiku (minħabba l-pandemija tal-Covid 19) biex norganizzaw attivitajiet fejn niltaqgħu flimkien bħala komunità pero b'wiċċi minn quddiem nista' ngħid kif xorta waħda, bqajna viċin tar-residenti.

Jiena bħala l-kunsillier inkarigat mid-dekasteri tat-tfal, iż-żgħażagħ u l-isports, ma stajtx nwettaq l-għanijiet prinċipali li kelli meta dħalt f'din il-kariga sena u nofs ilu. Minkejja dan il-ħidma ma waqfitx, hekk kif bħala kunsill qegħdin naħdmu sabiex nagħmlu *outdoor gym* fil-ġnien rekreattiv, bil-għan li nżommu komunità attivà. Ta min isemmi wkoll, li meta tgħaddi l-pandemija, lesti sabiex nħejju attivitajiet li jresqu l-ġenerazzjonijiet futuri ta' dan ir-raħal flimkien. Determinat li nkompli naħdem fuq ix-xogħol tajjeb li sar minn kunsilliera preċidenti, sabiex iż-żgħażagħ ta' Ħal Lija jieħdu sehem fil-proġett ta' ERASMUS +, opportunità li kelli ċans nipparteċipa fiha sentejn ilu. Fl-istess waqt irrid nkompli naħdem biex il-kunsill lokali ikompli jagħmel użu mill-fondi Ewropej, hekk kif qiegħed diġà jsir bil-proġett tal-ħitan tas-sejjieħ.

Konvint ukoll li n-nies ta' Ħal Lija għandhom għal qalbhom l-ambjent ta' dan ir-raħal ferm sabiħ u għalhekk, aħna bħala kunsilliera se nkunu l-vuċi kontra żvilluppi ta' bini bla razan. Hawnhekk nixtieq nfakkarkom biex iżommu kuntatt miegħi rigward ħsibijiet u suggerimenti fuq kif nistgħu ntejbu l-ambjent tar-raħal tagħna. F'din l-aħħar sena il-kunsill lokali, bl-għajnuna tal-gvern, biddel uċuħ ta' toroq prinċipali fosthom Triq Sir Ugo Mifsud u parti minn Triq Annibale Preca, filwaqt li għamel użu minn fondi tar-Reġjun Ċentru biex tejjeb id-dwal ta' madwar ir-raħal. Apparti minn hekk nixtieq nirringrazzja ukoll lir-residenti tal-paċenzja tagħhom waqt il-manutenzjoni tat-toroq.

Nikkonkludi dan l-ewwel messaġġ pubbliku tiegħi billi nirringrazzja lill-ħaddiema tal-kunsill, li jagħmlu xogħol siewi biex il-kunsill ikun jista' jiffunzjona bl-aħjar mod.

# RAPPORT TA' ĦIDMA TAL- KUNSILLIER IKKUMPILAT MIS-SUR CALCEDONIO CINI

Nibda biex ngħid grazzi lil residenti li tawni l-fiduċja u għażluni biex nkun parti mill-Kunsill. Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd u diġa għaddew sena u nofs u nistqar li kienet esperjenza sabiħa. Naħseb nagħmel tajjeb li ngħidilkom ftit mix-xogħol li għamel il-Kunsill. M'għamilniex kollox żgur ma solvejniex l-ilmenti ta' kullħadd lanqas imma tibdil għal l-aħjar b'umilta ngħid li għamilna u ħdimna tajjeb.

Waħda mill-problemi li sibna fir-raħal kienet ta' żvillup bla rażan. Ngħid mill- ewwel li bħala Kunsill m'aħniex kontra l-iżvillup basta dan jkun jaqbel mar- regoli tal-pjan għall-lokalita tagħna. Ressaqna argumenti fil-Mepa bħala Kunsill Lokali kemm il-darba u ta' dan ngħid grazzi lis-Sindku u lit-Town Planner u rbaħna numru ta' każijiet u b'hekk żammejna l-karatteristika tar-raħal u ma tlifnihiex.

Il-problema tan-nuqqas tad-dawl fit-toroq fl-isqaqien u fil-pjazza tal-knisja naħseb li ġiet solvuta. Id-differenza jista' jaraha kulħadd. Il-Kunsill għandu jkompli jdawwal żoni oħra b'dawl adekkwat kif għamel fi Triq Annibale Preca, Triq id-Dejqa (wara s-Salvatur il-qadim) Triq il-Forn, Triq Sant'Andrija u Triq Nicholas Cottoner.

Fil-ġnien Ċentru Rekreattiv sar xogħol kbir bħal żbir tas-siġar, tħawwil ta' fjuri, żebgħa ta' bankijiet u gradi ġodda tal-ħadid għas-sigurta' minħabba tfal. Irrid inżid li bħalissa qegħdin fil-fażi biex nibdlu d-dawl kollu tal-ġnien u niżvillupaw parti oħra tal-ġnien flimkien ma' refurbishment tal-football pitch. Ħaġa oħra li se nagħmlu dalwaqt hi l-area tal-Housing Estate fejn ser nibdlu d-dawl għax iż-żona jixraqilha aktar dawl.

Problema oħra hija t-traffiku li ġej mill- 'Foreign Traffic' li jidħol f' Ħal Lija fil-ġranet tax-xogħol l-iktar min naħa ta' Triq Annibale Preca. Kellna numru tal-laqgħat ma' Transport Malta u nispera li dalwaqt naġgħlu biex il-volum li jgħaddi mill-qalba tar-raħal inaqsuh. Komplejna b'marki ġodda bħas-sinjali ta' 20KM u b'refreshing fl-art ta' sewqan moderat bħal SLOW/STOP u anki parking bays ġodda.

Qegħdin fl-aħħar fażi biex nibdew PATCHING ġdid f'xi żoni l-aktar li għandhom bżonn. Nifhem li domna ftit imma kellna l-proġett ta' Triq Preziosi, Sqaq nru 2 u ridna nlestuh.

L-Ambjent tar-raħal qegħdin nieħdu ħsiebu ukoll permezz ta' restawr tal-ħitan tas-sejjieħ. Lestejna ħdejn il-knisja tal-Mirakli u se jkomplu in-naħa ta' Ħal-Mann. Dorna dawra mar-raħal u naddafna l-ħaxix ħażin u żbarna s-siġar u hekk ħa nibqaw nagħmlu kull darba li jkun hemm bżonn. Il-knis tat-toroq għamilna roaster biex jinkinsu darba fil-ġimgħa u oħrajn darbtejn. Naħseb li kulħadd jifhem li l-finanzi ma jippermettux li jinkinsu kuljum, għalhekk nagħmel appell

biex inżommu nadif kullimkien. Qiegħed ngħid dan għax għadd fadal numru żgħir ta' persuni li jħamġu t-toroq tagħna b'karti, flixken u boroż. Il-Kunsill joffri b'xejn is-servizz tal-Bulky refuse. Inħeġiġkom tagħmlu użu minn dan is-servizz billi ċemplu l-Kunsill biex tagħmlu appuntament.

Irrid insemmi ukoll il-Festival taċ-Ċitru ressaqnieh aktar lejn iċ-ċentru tar-raħal u b'hekk ilħaqna aktar nies kif ukoll l-attivita' li ssir fil-pjazza għal Jum Ħal Lija. F'din l-attivita' ippremjajna nies għal ħidmithom b'risq Ħal Lija u tajnihom Ġieħ Ħal Lija.

Il-Kunsill fil-pandemija tal-COVID-19 li għaddejin minnha bħalissa ħa ħsieb iġib lil Clean Malta biex jiddisinfetta numru ta' toroq għal aktar indafa u tajna rikonoxximent lir-residenti li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa.

L-Għaqdiet tar-raħal komplejna ngħinuhom permess ta' skema lis-Sindku irnexxielu jġib mir-Reġjun Ċentru li Ħal Lija tagħmel parti minnu għax nemmnu tassew li dawn huma parti mill-istorja u l-identita' tar-raħal. Din il-ħidma tkompli timliena b'aktar ħeġġa u entużżjażmu biex flimkien nkomplu naħdmu għal Ħal Lija isbaħ u aħjar għall-ġid ta' kulħadd. Nagħlaq billi nirringrazzja lis-Sindku u l-Kunsilliera, Segratarju Eżekuttiv,l- iskrivani u il-ħaddiema tal-Kunsill, tax-xogħol li jagħmlu u dedikazzjoni tagħhom.

# RAPPORT TA' ĦIDMA TAL- *KAP TAL-MINORANZA* IKKUMPILAT MIS-SINJORINA LORAINNE FARRUGIA

Diġa għaddiet kwazi sena u nofs minn mindu beda jiffunzjona l-kunsill il- ġdid u għalkemm dan hu perjodu żgħir xorta waħda kulħadd seta jara b' għajnejh progress u żviluppi madwar ir- raħal tagħna li jista jgawdihom kulħadd. Għal dan nixtieq nuri l-apprezzament tiegħi lil ċertu entitajiet illi li kieku mhux għall-imbuttatura tagħhom finanzjarja, bl-allokazzjoni li dejjem ġejna mgħotija bhala kunsill ma' kinitx tkun realta li jsiru ċertu proġetti. Nibda billi nsemmi lir-Regjun Ċentru li permezz ta' skemi mgħotija li bdew għal din leġistlatura stajna nibbenifikaw għall-akkwist ta' bosta proġetti. Nsemmi uħud minnhom bħat- tibdil tal-fanali fiċ- ċentru tar-raħal, tiżjin u kollaborazzjoni għal attivitajiet tal-Milied mal-ghaqdiet lokali, għajnuna flimkien għal-għaqdiet tar-raħal għal xi apparat li kien meħtieġ jinxtara, fondi oħra li kienu ġew negozjati mal-kunsill ta' qabel u mgħotija lil dan il-kunsill, bħal fondi għal bini tal-ħitan tas-sejjieħ u proġetti oħra li se naraw il-frott tagħhom iktar il-quddiem. Entita oħra hi l- Infrustructure Malta fejn li kieku ma' kinitx hi ma' kienux jistgħu jsiru wċuh ġodda lil bosta toroq. Vera li sakemm jsiru jinħoloq inkonvenjent, imma la darba dawn jkunu lesti kulħadd jieħu gost bihom u jsibhom komdi. Hawn nirringarzzja lil Gvern Malti li ħa d-deċiżjoni sabiex il-piż li jsiru uċuh ġodda tat-toroq ma' jaqax iktar fuq il- kunsilli lokali imma jidħlu fir-responsabbilta' ta' Infrustracture Malta. B'hekk nkunu nistgħu ngħidu li fi ftit żmien ieħor jkomplu jsiru iktar uċuħ tat- toroq ġodda f'bosta toroq fil-lokal tagħna. Entita oħra li se tagħmel pass kbir għalina n- nies ta' Ħal Lija hi l- Awtorita tat-Turiżmu fejn fi ftit żmien ieħor ser tieħu ħsieb ir-restawr tat-Torri Belvedere. U ma' dawn hemm iktar entitajiet li permezz tagħhom ir-raħal tagħna qed jkun jista japplika u jagħmel proġetti oħra.

Il-kultura u l-edukazzjoni huma d-delegi li ġejt mgħotija għal din il-leġiżlatura. Minn Lulju tas-sena 2019 bdejt il-ħidma tiegħi f'dawn ir-responsabilitajiet mill-ewwel u komplejt naqdi dmirijiti. Bejn Lulju u Awwissu 2019 fuq inizzjattiva li bdiet mill-kunsill preċedenti, ġie ppjanat u finaliżżat li jiġu organiżżati "Tours - Meet the Locals" ġor-raħal tagħna. L-organiżżazzjoni ta' dawn "Tours" saru ma' l- Universita ta' Malta, il-kompożżizjoni tiegħu twassal fejn ir-raħal tagħna jiġi riklamat ukoll internazzjonalment u jiġu turisti li jżuru r-raħal tagħna u jaraw postijiet storici, reliġjużi u kulturali li joffri Ħal Lija, fl-istess ħin it-turisti se jżuru residenti fejn huma ser juruhom t-talenti tagħhom fuq aspett ta' xogħol ta' l-idejn, kif ukoll aspett kulinarju. Lit-turisti f' dawn "it-tours" ser jiġi offrut lilhom waqfa għal kafe u kif ukoll ikla Maltija fil-għaxija u dawn ser jsiru fil-bottegin fil-Każin tal-Banda San Piu X u fil-bottegin tas- Soċjeta ta' Sant' Andrija. Ma' setax jonqos ukoll talent mużikali lokali wkoll biex iżewwaq dan it- "tour". Il-pjan oriġinali li jibda dan il-progett kien April 2020, sfortunatament dan għadu pendenti minħabba restrizzjonijiet ordnati mill- Awtorita tas-Saħħa għal prevenzjoni tat-tixrid tal-Corona Virus.

Ġaladarba s-sitwazzjoni tikkalma dan "it-tour" jibda jiġi riklamat fuq skala internazjonali u jibda jseħħ.

Tul dan il-perjodu saru bosta laqgħat relatati mad-delegi tiegħi u f'waħda mill-laqgħat li attendejt organiżżata ma' l- Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ħarġet statistika fejn uriet li r-residenti mir-regjun ċentru li aħna nagħmlu parti minnu, jinteressaw ħafna ruħhom f'korsijiet edukattivi. Hawn bdejt nara liema korsijiet huma l-iktar ta' benefiċċju għal lokal tagħna u wara komunikazzjoni u kuntatti ma' l-Awtorita' tas-Saħħa u Sigurta Soċjali fuq il-Post tax-Xogħol, ġie krejat kors addattat għal min ikun qed jagħmel volontarjat f'kumitati/għaqdiet tar-raħal. Għalhekk ġie mħejji kors li ġie offut lil żewġ rappreżentanti minn kull għaqda tar-raħal f'Jannar 2020. Diskussjoni fuq kors ieħor edukattiv li ġie offrut lir-residenti ta' Ħal Lija kien kif nistgħu nagħmlu l-aħjar użu mill-iskart domestiku. Din is-sezzjoni edukattiva saret b'kollaborazzjoni mal-Waste Serv.

Fis- sajf li għadda xtaqt ninkludi żewġ attivitajiet kulturali. F'waħda minn dawn l-attivitajiet stajna nżuru l-gżira ta' Kemmuna fejn hawn konna ser niġu offruti "tour" fuq il-baħar fejn tigi mgħotija l-istorja ta' l- użu ta' Kemmuna matul is-snin u fl-istess ħin niġu murija l-għerien li hemm madwar il-gżira. Mawra oħra kulturali kienet għat-Torri ta' Wignacourt f'San Pawl il-Baħar. Għalkemm dawn ġew mħejjija u riklamati sfortunatamet kellhom jiġu kanċellati minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid 19. Pero jkun hemm iktar okkażżjonijiet il-quddiem meta s-sitwazzjoni tkun ikkalmat fejn dawn u iktar jkunu jistgħu jsiru.

Kif spjegat fit-tabella hawn taħt jiena attendejt għal diversi laqgħat li għandhom x'jaqsmu maż-żewġ delegi tiegħi; dawk tal-kultura u l-edukazzjoni.

| **Kultura** | **Edukazzjoni** |
|---|---|
| | |
| 2 ta' Frar attendejt l- festival taċ-ċitru | 8 u 15 ta' Jannar, attendejt u organizzajt kors edukattiv tal- health and safety dedikat għal membri mill-għaqdiet tar-raħal. |
| 13 ta' Frar attendejt laqgħa l-kunsill biex niftemu kif ser jiġu mqassma xi flus tar-reġjun li tawna biex jitqassmu lil- għaqdiet għal bżonnijiet soċjali,edukattivi u kulturali ndividwali tagħhom | 30 ta' Mejju attendejt Webinar ta' Fondi ewropew li jistgħu jiġu mgħottija lil kunsilli lokali għal proġetti favur l- enerġija sostenibli u l- ambjent |
| 28 ta' Lulju- attendejt fuq laqgħa dwar European citizens about town twinning, network of tows and civil society project measures | 4 ta' Ġunju attendejt webinar fuq – Street art against urban and social margination |
| 29 ta' Settembru - Central region cultural | 29 ta' Ġunju attendejt webinar- organizzat |

| | |
|---|---|
| strategy course- Cultural strategy implementations policies webinar | mil European committee of regions- din il-konferenza titratta dwar dawn is-suġetti- 1) Disinformation during the Covid 19 pandemic, 2) Communication Post Covid 19 , 3) Covid 19 staying positive. |
| 6 ta' Ottubru attendejt- Central region cultural strategy course- Cultural strategy implementations policies webinar. | 23 ta' Lulju attendejt- Webinar on Reduction of light pollution in Maltese Islands, |
| 13 u 21 ta' Ottubru attendejt Central region cultural strategy course Cultural financial planning | 26 ta' Novembru, online training - Association of Local councils- EPPS Tender Evaluations |
| 27 ta' Ottubru u 3 ta' Novembru attendejt Central region cultural strategy course Cultural Programming. | |
| 10 u 17 ta' Novembru mort Central region cultural strategy course Community development and Citizenship, | |
| 24 ta' Novembru u 1 ta' Diċembru attendejt after distribution Central region cultural course -Market and Audience development | |

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil kull min jagħti l-għajnuna u jaħdem fil- u mal-kunsill biex ir-raħal sabiħ tagħna jkompli jimxi 'l quddiem.

# RAPPORT TA' ĦIDMA TAL-KUNSILLIER IKKUMPILAT MIS-SUR JOSEPH ZAHRA

Il-ħidma tkompli għaddeja minn naħa tal-kunsill biex inkomplu naħdmu bħala tim. Xogħol li ma jaqta xejn kemm mis-Sindku, kunsilliera, ħaddiema tal-uffiċċju, ħaddiema ta' barra u anke il-volontira. Xogħol li ma jaqta xejn bħala Manutenzzjoni ta' toroq, bankini, dwal, ġonna, indafa u ħafna aktar. Ma jonsqux il-laqgħat li jkunu għadejjien li bħalissa ħafna minnhom għaddejin online minħabba l-pandemija t'a Covid 19 fejn fosthom isiru online meetings mal-Planning Authority u anke l-laqghat Annwali tal-kunsill mal-residenti tal-raħal.

Xogħol ieħor li qed jitwettaq għall-ewwel darba fil-raħal tagħna u li jaqa taħt id-dikasteru tiegħi huwa li se nibdew niprovdu ammont ta' ikel (dry food) għal qtates abbandunati fit-toroq lil 'Cat feeders' bħala għajnuna.

Għalkemm bis-sitwazzjoni preżenti tal-pandemija ma tantx nistaw nintaqaw mar-residenti tar-raħal, xorta ħadna ħsieb bħala kunsill li nqasmu il-Covid 19 Packs għall-anzjani residenti fil-raħal, fejn flimkien mal-kunsilliera u s-Sindku dorna bieb bieb biex jitqasmu fir-raħal.

Din is-sena għalkemm restriti għal-festini tal-Milied xorta ħadna ħsieb ukoll li nwaslu l-ispirtu tal-Milied, dan billi żdied it-tizjien tal-Milied fejn wieħed jista jinnota li sar aktar fil-pjazza sabiħa ta' Ħal Lija.